# Stqarrija

## Għasfur protett milqut b'tiri ta' senter jaqa' fil-grawnds tal-iskola waqt li l-Gvern qed jimmira li jnaqqas il-pieni għal reati bħal dawn

L-istudenti tal-kulleġġ St Edward's irritornaw l-iskola lbieraħ għall-bidu ta' sena skolastika ġdida, u sabu Seqer tal-Ħannieqa (*Falco subbuteo*) protett ferut fil-grawnds tal-iskola.

BirdLife Malta issejħet biex tiġbor l-għasfur, li l-veterinarju tal-Gvern ikkonferma li sofra ġrieħi kkawżati minn tiri ta' senter.

Dan l-inċident juri l-ħtieġa għal żona ta lqugħ madwar l-iskejjel fejn ma tistax issir kaċċa. BirdLife Malta diġà appellat biex ikun hemm żona ta' 200 metru madwar l-iskejjel fejn ma tistax issir kaċċa, iżda l-Kumitat ORNIS kien ċaħad din il-proposta, li ma sibitx appoġġ mill-membri magħżula mill-Gvern u mill-Awtorità għall-Ambjent u r-Riżorsi.

Il-Kap Eżekuttiv ta' BirdLife Malta, Mark Sultana, qal: "It-tfal għandhom jattendu l-iskola mingħajr ma jisimgħu tiri ta' senter u mingħajr ma jsibu għasafar protetti feruti b'tiri ta' senter fil-grawnds tal-iskola tagħhom. L-iskejjel għandhom ikunu postijiet siguri kemm għat-tfal kif ukoll għall-ħajja selvaġġa."

BirdLife Malta ittenni l-appell tagħha għal żona ta' 200 metru madwar l-iskejjel fejn ma tistax issir kaċċa, sabiex l-istudenti jkunu jistgħu jitgħallmu mingħajr ma jkunu esposti għar-riskji u tfixkil assoċjati mal-kaċċa.

It-tfal għandhom jitgħallmu f'ambjent sigur, filwaqt li l-ħajja selvaġġa protetta għandha tingħata l-protezzjoni li tiggarantilha l-liġi.

Dan l-inċident seħħ fi żmien meta l-Prim Ministru qed jara kif inaqqas il-pieni għal dawk li jiksru l-liġi u jisparaw fuq għasafar protetti. BirdLife Malta qed tappella lill-Gvern biex ma jdgħajjifx il-pieni għal ksur tal-liġijiet li jipproteġu l-għasafar selvaġġi. Minflok, il-Gvern għandu jsaħħaħ l-infurzar tal-liġi u jiżgura li l-qtil illegali ta' għasafar protetti jkollu konsegwenzi effettivi.

**TMIEM**

**Għal aktar informazzjoni, ikkuntattja lil:**
Antonia Micallef
Public Engagement Executive, BirdLife Malta
Tel: 2134 7645 Ext. 512
Mob: +356 9986 1436
Email: antonia.micallef@birdlifemalta.org

Biex issir membru ta' BirdLife Malta
http://birdlifemalta.org/become-member/

**Filmati:**

1. https://youtu.be/AJUK8h8Wnyk?si=ckdFcmokltW0TjmC